*- SEPARAZZJONI –*

*- ARTIKOLI 38, 40, 41 TAL-KAP 16 –*

*- ARTIKOLU 54 (3) U (5) TAL-KAP 16 –*

*- ARTIKOLU 48 TAL-KAP 16 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 27**
**Citazzjoni Numru: 1591/99/RCP**

**Doris Vassallo**

**vs**

**Dr. Christopher Cilia u P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Anthony Vassallo.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 u 2 fejn gie premess:-

Billi l-hajja bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, dezerzjoni, insulti, u ngurji gravi *da parte* tal-konenut.

Billi l-kontendenti ghandhom zewgt itfal minuri cjoe', Rodienne u Cristabel, ahwa Vassallo, illi ghandhom tlieta u disa' snin rispettivament.

Billi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' Digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (Dok. "A").

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet sabiex il-Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16)** tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri Rodienne u Cristabel ahwa Vassallo tigi fdata f'idejn l-attrici salv l-access ghall-konvenut fil-granet u hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, is-somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

4. Tapplika kontra l-konvenut interament l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap.16);**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni ta' l-akkwsiti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista, *inter alia*, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, kif ukoll nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali.

7 Tordna illi d-dar matrimonjali tigi okkupata esklussivament mill-attrici.

8 Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati *nomine* a fol. 15 tal-process fejn eccepew illi:-

1. Illi huma mhux edotti mill-fatti partinenti tal-kaz u jirrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet fil-mertu anke wara li jkunu kkomunikaw mal-assenti Anthony Vassallo.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol. 16 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Marzu 2000 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi u fejn Dr. Chris Cilia deputat kuratur ipprezenta nota b'xi dokumenti fejn kkomunika mal-assenti dwar din il-kawza u d-difensuri tieghu fl-Ingilterra nformawh li l-konvenut kien pproceda ghall-proceduri ta' divorzju mill-attrici fil-Preston County Court fit-12 ta' Marzu 1999 kif jidher mill-istess applikazzjoni a fol. 25 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2000 quddiem l-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2000;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju tat-13 ta' Lulju; tal-5 ta' Settembru 2000 fejn gew prezentati l-affidavits taghha u ta' Tessie Cachia. Giet prezentata stima tal-proprjeta' tad-dar matrimonjali; kif ukoll kopja ta' petizzjoni ta' divorzju maghmula quddiem Preston County Court mill-konvenut assenti minn Malta li tindika li huwa ghandu zewgt itfal. Dr Depasquale ddikjara li f'dan l-istadju salv xi provi fuq id-dhul tal-konvenut fejn possibbli huwa ma kellux provi ohrajn xi jgib u l-kuratur seta' jipprocedi bil-provi tieghu; u tat-13 ta' Settembru 2000;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 2000;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fil-21 ta' Marzu 2001;

Rat in-nota tal-attrici;

Rat in-nota tal-kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju 2001;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fit-18 ta' Settembru 2001;

Rat in-nota tal-kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 2001;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fl-20 ta' Novembru 2001 fejn xehdet in kontro-ezami l-attrici. Dr. Chris Cilia kuratur deputat ghall-assenti Anthony Vassallo ddikkjara li ma kellux provi x'jipproduci u ghaldaqstant il-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' April 2002 fejn inghata digriet ghan-nota ta' osservazzjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2002;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. VERTENZA ODJERNA.

Illi l-attrici pprezentat din il-kawza sabiex tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htija da parti tal-attur. Hija qed titlob illi din il-Qorti tafda l-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri f'idejha; li jigi applikat l-**artikolu 48 tal-Kap. 16** kontra l-konvenut *nomine*; talbet ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti; talbet li l-konvenut jikkonsenjalha l-beni kollha dotali u parafernali taghha u tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha; u li din il-Qorti tordna li d-dar matrimonjali tigi okkupata esklussivament mill-attrici.

Illi min-naha tieghu l-konvenut *nomine* eccepixxa li mhux edott mill-fatti. Infatti l-konvenut f'din il-kawza huwa assenti *stante* li huwa telaq minn Malta u llum qed jirrisjedi l-Ingilterra.

## III.KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) XHIEDA PRODOTTI.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici qalet li l-ewwel hames snin taz-zwieg taghha kienu tajbin u dan sakemm beda jahdem *part-time* filghaxija gewwa bar f'Bugibba. Hija spjegat li beda jdum hafna u kien hemm okkazjonijiet fejn ma kienx imur lura bil-lejl. Dak iz-zmien ma qalet lil hadd b'din il-problema. Hija baqghet sejra b'dina l-hajja ghal aktar minn

tliet snin u l-komportament tieghu ftit inbidel anki wara li harget tqila bit-tieni tarbija.

Illi hija qalet lil hutu u huma kellmuh u ppruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni izda kif qalet hi x-xorb, it-tfajliet u l-hbieb rikbuh. Irrizulta mill-affidavit li l-konvenut beda johrog ma' Ngliza u kien hemm diversi xhieda li rawh maghha. Irrakkontat ukoll incident fejn wara li kien ilu ma jmur id-dar mar lura fis-sakra u ghamel xenata u kien ukoll aggressiv. Ohtu Tessie ppruvat tirranga s-sitwazzjoni bejniethom izda ghalxejn. Fl-ahhar kien ghamel zmien gej u sejjer l-Ingilterra ghax hi kienet telqet minn Malta. Imbaghad telaq minn Malta u qatt ma rega' gie lura. Qabel ma kien telaq dehru quddiem is-Sekond' Awla u hi giet fdata bil-kura u kustodja tat-tfal. Wara li telaq, il-United Acceptance Finance Ltd. bdiet tigri warajha ghall-hlas tal-karozza tieghu u b'hekk ghamlet rikors is-Sekond' Awla biex iggib permess biex tbieghha u thallas id-dejn li kien hemm fuqha. B'li kien fadal hallset ghall-iskola tat-tfal. Wara bdiet il-proceduri odjerni u *nel frattemp* irceviet il-karti tad-divorzju mill-Ingilterra. Huwa issa qed l-Ingilterra mal-habiba tieghu li minghandha ghandu zewgt itfal. Manteniment ma jaghtihomx la ghaliha u lanqas ghat-tfal. B'hekk qed tghix biss fuq ir-*relief* u c-*children's allowance*.

Illi **Tessie Cachia**,ohtu, spjegat kif hi kellmet lil huha u qaltlu li kienet taf li kellu mara ohra u minn hemm bdiet gwerra bejniethom ghax hi kienet tmur warajh biex tara x'kien qed jaghmel sakemm qabditu fil-fatt ma' din l-Ingliza

u qalet li dejjem kienet tarah fil-prezenza taghha.  Meta nduna b'dan kollu beda jheddidha.  Hija rrakkontat diversi tentattivi li ghamlet biex tirranga l-affarijiet bejn huha u martu.  Qalet ukoll li huha minn bniedem riservat u kwiet kien inbidel totalment.  Imbaghad spicca biex telaq minn Malta u mar l-Ingilterra.  Waqt li kien hemm kien icemplilha diversi drabi bil-lejl kull darba li jkollu problema mal-habiba tieghu.  Kien ighidilha li ried jigi lura Malta izda ma setax ghax ma kellux flus.  Imbaghad ghal habta ta' Frar 1997 gie lura Malta u hadd ma kien jaf.  Imbaghad telaq u ma regax gie.  Ghal habta ta' Marzu 1999 kellmitu l-ahhar darba u spjegat x'kien qalilha fosthom li rega' xtaq jirranga ma' martu.  Illi pero' hmistax wara Doris irceviet xi dokumenti ghad-divorzju minghandu u li fih saru jafu li kellu zewgt itfal.

**(B)  APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi ghalhekk wara li l-Qorti semghet dawn ix-xhieda u rat id-dokumenti prezentati waslet ghall-konkluzjoni li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabliment minhabba r-ragunijiet imputabbli principalment lill-konvenut assenti.

Illi dan ghaliex irrizulta minn diversi xhieda li huwa kkommetta adulterju tant li spicca mar ighix mal-habiba tieghu fl-Ingilterra u llum ghandu zewgt itfal minghandha kif irrizulta mill-petizzjoni ta' divorzju maghmula quddiem Preston County Court mill-konvenut assenti (Dok. "DV 3" a fol. 52 *et seq.* tal-process).  Huwa b'hekk abbanduna lil martu u lil uliedu biex ifforma familja ohra ma' haddiehor.

*Inoltre* f'dawn is-snin kollha li ilu li telaq (madwar Frar 1996 kif jirrizulta mill-petizzjoni tad-divorzju tieghu) huwa ma ssoministra l-ebda manteniment la ghal martu u lanqas ghal uliedu.

Illi l-kuratur deputat tal-konvenut assenti kkomunika mal-avukati tieghu. Huwa ddikjara li ma setax jikkomunika mieghu ghax ma kellhomx l-indirizz il-gdid u lanqas l-avukat tal-attrici.

**(C) KURA U KUSTODJA TAL-MINURI.**

Illi l-partijiet fil-kawza ghandhom zewgt itfal minuri, Rodienne u Cristabel, ahwa Vassallo. Illi permezz tad-digriet tal-1 ta' Gunju 1999 fuq rikors tal-istess attrici s-Sekond' Awla afdat il-kura u l-kustodja tal-istess minuri lilha. Din il-Qorti ma thossx li hemm xi raguni ghaliex ghandha tbiddel din id-decizjoni u kwindi tafda l-kura u kustodja tal-ulied minuri f'idejn l-attrici. L-access ghall-istess minuri jibqa' riservat meta u jekk il-konvenut jitolbu ghaliex f'dawn is-snin kollu li kien assenti minn Malta qatt ma talab l-istess access, kif jidher ammess minnu fl-inkartament tal-istess applikazzjoni ta' divorzju pprezentata minnu fl-Ingilterra.

**(D) KOMUNJONI TAL-AKKWISTI U MANTENIMENT.**

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti rrizulta li flus il-bank m'hemmx. Illi hi xehdet li wara z-zwieg hi u zewgha hadu

art appartenenti lill-Gvern u li fuqha nbniet id-dar matrimonjali. Din l-art qeghda b'cens li thallsu hija pero' qatt ma gie mifdi. Skond stima tal-Perit Robert Musumeci din il-proprjeta' giet stmat ghall-valur ta' Lm42,000. L-ghamara li hemm fid-dar inxtrat il-maggior parti fiz-zwieg – dawn huma salott, kcina, *spare bedroom, main bedroom* u mejda u mera wara l-bieb. Kien hemm ukoll karozza li pero' wara li telaq bil-permess tas-Sekond' Awla kellha tinbiegh biex jithallas id-dejn fuqha.

Illi matul is-snin kollha li Anthony Vassallo ilu nieqes minn Malta huwa qatt ma ghadda manteniment la ghal martu u lanqas ghal uliedu. Irrizulta li f'dawn is-snin huwa qatt ma kkontribwixxa ghat-trobbija ta' uliedu. Kwindi l-attrici qed titlob li ghal dawn ir-ragunijiet , *ai termini* tal-**artikolu 54 (3) tal-Kodici Civili,** din il-Qorti ghandha tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghat-tfal somma globali ekwivalenti ghas-sehem tal-konvenut tad-dar matrimonjali, izda peress li din is-somma zgur m'huwiex ser ihallasha, ghandha titrasferixxi s-sehem tieghu lill-attrici flok is-somma, biex ikollha l-valur tas-sehem tieghu f'idejha mill-ewwel.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern din il-Qorti thoss li ghandha tilqa' tali talba ghaliex mhux biss l-istess konvenut ma jinsabx Malta, izda tenut kont tal-fatt li minn mindu abbanduna dan il-pajjiz minn Frar 1997 huwa qatt ma ghamel kuntatt mal-istess familja tieghu, la staqsa ghal access tal-istess minuri, la mantna lill-attrici u lanqas lill-

istess minuri, u wkoll ottjena d-divorzju mill-istess attrici, u ma jidhirx li behsiebu jmantni lill-istess attrici u lill uliedu *nonostante* li huwa obbligat li jaghmel dan u apparti d-dar konjugali ma rrizultax li ghandu xi proprjeta' ohra.

Illi ghalhekk tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti tillikwida l-ammont ta' Lm22,000 bhala somma globali li ghandha tithallas mill-konvenut ghal darba wahda biss bhala manteniment ghall-istess attrici, u *stante* li jidher u jirrizulta li l-konvenut ma ghandhu l-ebda assi ohra Malta u lanqas ebda introjtu Malta, in sodisfazzjon tal-hlas tal-istess somma mill-konvenut, din il-Qorti tordna li n-nofs indiviz appartenenti lill-konvenut tad-dar konjugali u l-mobbli li biha hija adebita l-istesss dar jigu assenjati lill-attrici bhala hlas u in sodisazzjoni tal-istess somma, b'dan ghalhekk li l-obbligu ta' manteniment tal-konvenut *verso* l-attrici jigi b'hekk sodisfatt *per saldo* u dan kollox skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 54 (3) u (5) tal-Kap 16.**

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess jikkontrastaw mat-talbiet attrici, **tilqa' t-talbiet attrici** bil-mod premess, b'dan illi :-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut minhabba adulterju, eccessi, mohqrija, insulti, ngurji gravi u

dezerzjoni u ghaliex minhabba dan kollu l-hajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irremedjabilment, u dan *ai termini* tal-**artikoli 38, 40, u 41 tal-Kap 16** u tistabilixxi d-data meta l-konvenut ghandu jkun kunsidrat bhala hati tal-firda minn Frar 1997 *ai fini* tal-**artikolu 48 (c) tal-Kap 16.**

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' wliedhom minuri Rodienne u Cristabel f'idejn l-attrici salv access ghall-konvenut jekk u meta jintalab minnu;

3. Illi dwar il-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici, tillikwida somma globali fl-ammont ta' Lm22,000 skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 54 (3) tal-Kap 16** li l-konvenut huwa tenut li jhallas lill-attrici, izda peress li l-konvenut mhux f'pozizzjoni li jhallas l-istess ammont, tassenja minflok *ai termini* tal-**artikolu 54 (5) tal-Kap 16** lill-attrici s-sehem ta' nofs indiviz tal-fond *"Il-Bejta fir-Razzett"*, plot 75, Triq Salvator Mallia, Wied Hesri, Siggiewi, bil-mobbli kollha li hemm fiha, *per saldo* ghal dan l-obbligu ta' hlas tal-istess somma bhala manteniment, ukoll skond il-hames (5) talba ta' din is-sentenza. Illi rigwardanti l-manteniment tal-istess minuri mill-konvenut, *stante* li ma giex ppruvat l-introjtu tal-konvenut, din il-Qorti tasjteni milli tipprovdi dwar l-istess.

4. Tapplika kontra l-konvenut interament d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16);**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett immedjat u tillikwida l-istess komunjoni billi tiddikjara li tikkonsisti fid-dar konjugali "Il-Bejta fir-Razzett", Plot 75 , Triq Salvator Mallia, Wied Hesri, Siggiewi u l-mobbli li jinsabu fl-istess dar u *ai termini* ta' dak provdut fit-talba numru tlieta (3) hawn fuq premessa, tassenja l-fond "Il-Bejta fir-Razzett", Plot 75, Triq Salvator Mallia, Wied Hesri, Siggiewi u l-mobbli li jinsabu fl-istess dar matrimonjali lill-attrici *in piena* proprjeta' ghar-ragunijiet fuq imsemmija u in sodisfazzjon u *per saldo* tal-obbligu ta' manteniment tal-istess konvenut *verso* l-attrici, u tinnomina lin-Nutar Maronia Scerri sabiex tippublika l-att relattiv u lill-Avukat Dr. Elena Depasquale sabiex tipprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att ta' assenjazzjoni kif hawn ordnat.

6. Din il-Qorti tichad din it-talba *stante* li ma ingabu ebda provi dwar l-istess.

7. Tordna konsegwentement illi d-dar matrimonjali tigi okkupata esklussivament mill-attrici bl-eskluzjoni tal-konvenut;

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut assenti,

b’dan li l-kuraturi deputati ghandhom dejjem jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**27 ta’ Gunju, 2002.**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta’ Gunju, 2002.**